



Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13581/18

DRAFT

CONOP 98
CODUN 36
COARM 289
CFSP/PESC 985
COSI 288
ENFOPOL 565

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 19 ta' Novembru 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13498/18

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Adozzjoni ta' Strateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Adozzjoni ta' Strateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom adottati fit-3652 laqgħa li saret fid-19 ta' Novembru 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ADOZZJONI TA' STRATEĠIJA TAL-UE
KONTRA L-ARMĠ TAN-NAR, ARMĠ ĦFIEF U TA' KALIBRU ŻĠĦIR ILLEĊITI U
L-MUNIZZJON TAGĦHOM**

1. Il-Kunsill jinnota li l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti qed ikomplu jikkontribwixxu għall-instabbiltà u l-vjolenza bl-armi, ixekklu l-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi tal-maniġġar ta' kriżijiet, ikomplu jiddestabbilizzaw reġjuni sħaħ, l-istati ġewwa fihom u s-soċjetajiet tagħhom, jistimulaw l-vjolenza bl-armi u l-kriminalità organizzata, u jampifikaw l-impatt ta' attakki terroristiċi. Għalhekk il-Kunsill huwa impenjat li jipprevjeni u jrażżan il-kummerċ illeċitu tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom u jippromwovi l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ legali tagħhom.
2. Il-Kunsill iqis il-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (PtA) bħala l-qafas globali kontra t-theddid maħluq mis-SALW illeċiti u jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali u l-Kunsill jilqa' l-eżitu tat-Tielet Konferenza għar-rieżami tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU li saret f'Ġunju 2018 billi din tirrifletti ħafna mill-oġettivi tal-pożizzjoni tal-UE adottati mill-Kunsill fit-28 ta' Mejju 2018¹, inkluż l-appoġġ għar-rwol moqdi mill-organizzazzjonijiet reġjonali fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni.
3. Il-Kunsill ifakkar li fl-2005, il-Kunsill Ewropew adotta Strateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom². Ifakkar ukoll li l-Unjoni Ewropea, immexxija mill-Istrateġija tal-UE u l-PtA, għamlet investimenti konsiderevoli fil-kooperazzjoni u l-assistenza lill-pajjiżi terzi bil-ħsieb li tiġġieled il-kummerċ illeċitu tas-SALW.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir, fid-dawl tat-Tielet Konferenza ta' Rieżami għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW (Kunsill 8978/18 tat-28 ta' Mejju 2018)

² Kunsill 5319/06
<http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%205319%202006%20INIT>

4. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta dwar elementi lejn strateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom³ maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fit-13 ta' Ġunju 2018. Japprova bis-sħiħ l-oġettivi u l-azzjonijiet proposti ddettaljati fil-komunikazzjoni.
5. Bi tweġiba għall-Komunikazzjoni Konġunta u fid-dawl tal-iżviluppi rilevanti mill-2005 'l hawn, il-Kunsill b'dan qed jadotta Strateġija tal-UE ġdida kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom u b'hekk jissostitwixxi l-Istrateġija tal-UE tal-2005. L-iżviluppi reċenti mill-2005 'l hawn jinkludu l-kuntest ta' sigurtà li evolva, inkluż it-theddid tat-terroriżmu ġewwa l-UE u l-iżviluppi fid-disinn u t-teknoloġija tas-SALW li affettwaw il-kapaċità tal-gvernijiet li jindirizzaw it-theddid.
6. L-Istrateġija l-ġdida tieħu kont tal-prinċipji gwida tal-Istrateġija Globali tal-UE għall-2016⁴, li teħtieġ approċċ integrat mal-politiki esterni kollha, bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE u bejn id-dimensjoni ta' politika interna u dik esterna. Tieħu kont ukoll tal-eżitu tat-Tielet Konferenza ta' Rieżami tal-PtA⁵ minn Ġunju 2018, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi f'Diċembru 2014⁶, u t-tnedija tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli f'Settembru 2015, li tafferma li l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir hija meħtieġa biex jintlaħqu ħafna għanijiet, inkluż dawk marbuta mal-paċi, mal-ġustizzja u mal-istituzzjonijiet b'saħħithom, mat-tnaqqis tal-faqar, mat- tkabbir ekonomiku, mas-saħħa, mal-ugwaljanza bejn is-sessi, u mal-ibliet u l-komunitajiet sikuri.

³ JOIN (2018) 17 final tat-13 Ġunju 2018.

⁴ <https://europa.eu/globalStrategy/en/global-Strategy-foreign-and-security-policy-european-union>

⁵ A/CONF.192/2018/RC/3

⁶ http://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/04/20130410%2012-01%20PM/Ch_XXVI_08.pdf#page=21

7. L-għan tal-istrateġija l-ġdida huwa li tiggwida azzjoni Ewropea integrata, kollettiva u kkoordinata biex tipprevjeni u trażżan l-akkwist ta' SALW illeċiti u l-munizzjon tagħhom minn terroristi, kriminali u atturi oħra li mhumiex awtorizzati, u li tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ fl-armi legali. Din l-Istrateġija ġdida tal-UE ser tiggwida l-azzjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE.
8. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom tinsab fl-anness għal dawn il-Konklużjonijiet.

"AKTAR SIGURTÀ FUQ L-ARMĠ BIEX NIPPROTEĠU LIĊ-ĊITTADINI"

Strateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom

1. INTRODUZZJONI

Armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti qed ikomplu jikkontribwixxu għall-instabbiltà u l-vjolenza fl-Unjoni Ewropea, fil-viċinat immedjat tagħha, u fil-bqija tad-dinja. Armi ta' kalibru żgħir illeċiti qed jistimulaw it-terroriżmu u l-kunflitti madwar id-dinja, ifixxlu l-iżvilupp u l-ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE, kif ukoll sforzi umanitarji u ta' stabilizzazzjoni fpartijiet fil-viċinat tal-UE u fl-Afrika. Fi ħdan l-UE, l-armi tan-nar illeċiti għandhom impatt ċar fuq is-sigurtà interna, billi jstimulaw il-kriminalità organizzata u jipprovdu lit-terroristi bil-mezzi biex iwettqu attakki fit-territorju Ewropew.

Ir-rapport tal-2016 tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kummerċ illeċitu f'armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-aspetti kollha tiegħu⁷ stqarr li l-għadd ta' gwerer ċivili fid-dinja trippla fid-deċennju preċedenti. Il-kunflitt armat, ħafna drabi stimulat mill-proliferazzjoni ta' armi ta' kalibru żgħir illeċiti, huwa fattur ewlieni li jċaħħad lil kważi 800 miljun persuna minn biżżejjed ikel. L-armi tan-nar illeċiti jiffaċilitaw it-traffikar tad-drogi u tal-bnedmin permezz tal-intimidazzjoni u l-isfurzar, jstimulaw il-kunflitti għat-territorju bejn il-gajjijiet urbani u jagħtu s-saħħa lit-terroristi. Attakki terroristiċi fl-Ewropa wrew ir-rabta bejn il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, b'mod partikolari fit-traffikar tal-armi tan-nar, u huma indikatur ċar ta' theddida multidimensjonali li tinvolvi diversi oqsma ta' kriminalità. Il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA)⁸ tal-2017 tal-Europol innotat li attakki terroristiċi reċenti kemm fl-UE u kemm f'postijiet oħra, imwettqa minn terroristi ġiħadisti li użaw armi tan-nar ittraffikati, kienu wrew il-konsegwenzi letali ta' dan il-kummerċ illeċitu.

⁷ <https://s3.amazonaws.com/unoda-web/wp-content/uploads/2016/10/english.pdf>

⁸ <https://www.europol.europa.eu/socta/2017/>

Fl-2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom⁹ b'appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-qerda tal-kummerċ illeċitu tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-aspetti kollha tiegħu, kif adottat fl-20 ta' Lulju 2001¹⁰. L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Kummissjoni tal-2015¹¹ identifikat it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar bħala waħda mill-prijoritajiet taħt l-oġettiv ġenerali li jxekklu l-attivitajiet ta' terroristi u organizzazzjonijiet kriminali serji. Din kienet segwita minn pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar u l-użu illeċitu tal-armi tan-nar¹² u l-isplussivi u reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-Unjoni dwar l-akkwist u l-pussess legali tal-armi tan-nar¹³. Fit-13 ta' Ġunju 2018 il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħarġu Komunikazzjoni Konġunta dwar l-elementi lejn Strateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom¹⁴ sabiex isir progress lejn Unjoni ta' Sigurtà ġenwina u effettiva.

⁹ Kunsill 5319/06

<http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%205319%202006%20INIT>
A/CONF.192/15.

¹¹ L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015) 185 finali, 28.4.2015).

¹² L-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà: Il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar u l-użu illeċitu tal-armi tan-nar u l-isplussivi, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015) 624 finali, 2.12.2015).

¹³ Id-Direttiva 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51) u r-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jstabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-munizzjon (ĠU L 94, 30.3.2012).

¹⁴ JOIN (2018) 17 final tat-13 Ġunju 2018.

Din l-Istrateġija ġdida tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom tiegħu kont tal-Komunikazzjoni Konġunta bl-istess isem¹⁵, il-prinċipji gwida tal-Istrateġija Globali tal-UE għall-2016¹⁶, il-kuntest ta' sigurtà li evolva mill-2005 'l hawn, l-iżviluppi fil-kontroll tal-armi konvenzjonali, bħad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Kummerċ ta' Armi f'Diċembru 2014¹⁷, u l-azzjonijiet fi ħdan l-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà. L-għan ta' strateġija riveduta huwa li tiggwida l-azzjoni Ewropea integrata, kollettiva u koordinata biex tipprevjeni u ttrażżan l-akkwist illeċitu ta' SALW u l-munizzjon tagħhom minn terroristi, kriminali u atturi oħra li mhumie x awtorizzati, u li tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ fl-armi legali.

Filwaqt li l-kummerċ fl-armi tan-nar ċivili huwa rregolat fil-livell tal-UE¹⁸, l-Istati Membri jallinjaw il-pożizzjonijiet tagħhom dwar l-esportazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW), bħala materjali tal-gwerra, taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)¹⁹. Id-distinzjoni legali bejn l-armi tan-nar ċivili u dawk ta' kwalità militari ssir irrelevanti ladarba jiġu ddevjati għaċ-ċirkolazzjoni illegali. Sabiex din it-theddida tiġi indirizzata b'mod komprensiv, din l-Istrateġija tkopri kemm armi tan-nar ċivili u kemm dawk ta' grad militari.

L-armi militari għandhom rwol indispensabbli fil-preservazzjoni tas-sigurtà, il-libertà u l-paċi, sakemm jintużaw skont il-Liġi Internazzjonali, inkluż il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Fl-istess ħin, armi tal-gwerra huma min-natura tagħhom kapaċi jikkaġunaw mewt u qerda. Din l-ambivalenza tfisser li l-gvernijiet li jikkontrollaw dawn l-armi jeħtieġ li jiżguraw li l-kummerċ tagħhom isir b'mod responsabbli u akkontabbli, u għandhom jipprevjenu d-devjazzjoni tagħhom għal għand it-terroristi, il-kriminali u utenti oħrajn mhux awtorizzati li jiksru embargi fuq l-armi u ftehimiet tal-utenti aħħarin.

¹⁵ Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna

¹⁶ <https://europa.eu/globalStrategy/en/global-Strategy-foreign-and-security-policy-european-union>

¹⁷ http://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/04/20130410%2012-01%20PM/Ch_XXVI_08.pdf#page=21

¹⁸ Ara n-nota 7 f'qiegħ il-paġna

¹⁹ Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari. It-trasferiment fl-UE stess ta' teknoloġija u tagħmir militari huwa suġġett għad-Direttiva 2009/43/KE

Għall-fini ta' din l-Istrateġija, it-terminu "SALW"²⁰ jintuża meta l-armi ta' grad militari jkunu taħt il-lenti u t-terminu "armi tan-nar"²¹ jintuża b'mod espliċitu biex jinkludi armi tan-nar ċivili.

2. IL-ĠLIEDA KONTRA ARMI TAN-NAR U SALW ILLEĊITI: OĖJETTIVI U AZZJONIJIET

Il-ġlieda effettiva kontra d-devjazzjoni u l-manifattura u l-kummerċ illeċiti ta' armi tan-nar/SALW u tal-munizzjon tagħhom teħtieġ l-istabbiliment, l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-komunikazzjoni ta' normi u regoli minn aġenziji tal-gvern u atturi nazzjonali, reġjonali u globali. Din teħtieġ azzjoni li tindirizza l-fażijiet kollha ta' il-ħajja tal-armi tan-nar/SALW u l-munizzjon tagħhom: il-manifattura, il-ħżin u r-rimi. F'konformità mal-Istrateġija Globali għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji tagħha²², kif ukoll mal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, l-UE qed tippreserva u ttipprova tippreserva u ttipproteġi ambjent ta' paċi u sigurtà għaċ-ċittadini tagħha, u tappoġġa s-sigurtà u trawwem l-iżvilupp fil-
viċinat tagħha u fil-bqija tad-dinja. Għal dan l-għan, din l-Istrateġija hija ggwidata mill-prinċipji li ġejjin:

- unità – it-teħid ta' approċċ magħqud u kkoordinat għall-politiki esterni kollha, bejn l-Istati Membri u l-UE, u bejn il-politiki interni u esterni;

²⁰ Armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom huma armi ta' grad militari; dawn jinkludu:

- (a) armi ta' kalibru żgħir: azzarini tal-assalt; azzarini u karabini semi-awtomatiċi ta' grad militari; rivoltelli u pistoli li jikkargaw waħedhom ta' grad militari; mitraljatriċijiet ħfief; submitraljatriċijiet, inkluż pistoli mitraljatriċi;
 - (b) armi ħfief: mitraljatriċijiet tqal; kanuni, howitzers u kanuni tat-tip mortar ta' kalibru inqas minn 100 mm; lanċaturi tal-granati; azzarini mingħajr imbuttatura wara l-isparatura; rokits li jiġu sparati minn fuq l-ispalla u sistemi oħra kontra t-tankijiet u ta' difiża tal-ajru li jisparaw il-projettili inkluż MANPADS, kollha fuq kundizzjoni li jistgħu jinġarru individwalment jew kollettivament;
 - (c) Partijiet ta' SALW;
 - (d) Aċċessorji ta' SALW (bħal skopji tal-lejl, silenzjaturi, eċċ.); u
 - (e) munizzjon tas-SALW.
- Din id-definizzjoni ma tippreġudikax kwalunkwe definizzjoni futura maqbula b'mod internazzjonali ta' SALW.

²¹ It-terminu "armi tan-nar" għandu kamp ta' applikazzjoni aktar wiesa' li jkopri kemm armi tan-nar ċivili u wkoll armi tan-nar ta' grad militari. Il-protokoll tal-armi tan-nar tan-NU jiddefinixxi arma tan-nar bħala kwalunkwe arma b'kanna portabbli li tispara, hija ddiżinjata biex tispara jew tista' tinbidel biex tispara sparatura, balla jew projettili permezz ta' azzjoni ta' splussiv, minbarra armi tan-nar meqjusa antikitajiet jew repliki tagħhom. Għandu jkun innotat li xi armi ħfief, bħal lanċaturi tar-rokits, mhumieq armi tan-nar. Għalhekk it-terminu "armi tan-nar" ma jkoprix kull SALW.

²² https://europa.eu/globalStrategy/sites/globalStrategy/files/pages/files/eugs_review_web_13.pdf

- il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u s-sħubija fil-livelli kollha;
- l-irfigħ tar-responsabbiltà fir-rigward ta' reġjuni ta' prijorità, speċjalment dawk li x'aktarx joħolqu theddida għas-sigurtà tal-UE u li l-aktar jistgħu jibbenefikaw mill-azzjoni tal-UE;
- il-promozzjoni ta' ordni kooperattiv globali bbażat fuq ir-regoli bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u n-NU fil-qalba tiegħu, ibbażat fuq ir-rispett tad-Dritt Internazzjonali, inkluż id-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Umanitarja Internazzjonali, bil-għan li tinholq dinja ta' paċi u sostenibbli; u
- l-inkorporazzjoni ta' aspetti tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tad-diversità fi proġetti u azzjonijiet ta' kontroll tas-SALW.

2.1 IT-TISĦIĦ TAL-QAFAS NORMATTIV

2.1.1. Il-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW u l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar

Il-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW (PtA tan-NU)²³ qed ikompli jipprovdi strument komprensiv bħala l-uniku qafas universali li jlaħħaq mat-theddid li jgħibu magħhom is-SALW illeċiti. L-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar (ITI)²⁴ huwa strument politikament vinkolanti li jiddeskrivi r-rekwiżiti u jipprevedi standard globali dwar l-immarkar, iż-żamma ta' rekords, u r-rintraċċar tas-SALW. L-oġettiv ewlieni tal-istrategġija riveduta tal-UE jibqa' l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PtA tan-NU u tal-ITI fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali. Għalhekk din l-Istrategġija tressaq miżuri biex titjeb l-implimentazzjoni tal-PtA tan-NU fil-livelli nazzjonali u reġjonali fl-UE. Tipproponi wkoll kooperazzjoni u assistenza f'reġjuni oħrajn fid-dinja u fil-livell globali.

²³ [http://www.un.org/events/smallarms2006/pdf/192.15%20\(E\).pdf](http://www.un.org/events/smallarms2006/pdf/192.15%20(E).pdf)

²⁴ <http://www.poa-iss.org/InternationalTracing/InternationalTracing.aspx>

Azzjoni: L-UE ser tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni u l-assistenza għall-implimentazzjoni tal-PtA tan-NU, b'attenzjoni għall-kooperazzjoni reġjonali, u tipparteċipa fil-koordinazzjoni u tappoġġaha ma' donaturi oħra. Dan l-appoġġ jinkludi l-ġbir u l-qerda ta' SALW u munizzjon żejda, is-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażna ta' SALW u l-munizzjon, l-iżvilupp tal-kapaċità għall-immarkar, iż-żamma ta' rekords u r-rintraċċar, l-iżvilupp tal-kapaċità għall-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, l-iżvilupp tal-kapaċità għall-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu, l-appoġġ għall-monitoraġġ tal-embargi u r-rintraċċar tal-armi devjati.

Il-passi li jmiss: Skont il-PtA tan-NU, proġetti ġodda ser iqisu analiżi u evalwazzjoni komprensiva, mir-Rappreżentant Għoli, tal-impatt u l-effikaċja ta' proġetti ta' kontroll tas-SALW skont l-istrateġija tas-SALW tal-2005 bejn l-2005 u l-2017.

2.1.2 Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi

It-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA)²⁵ jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali possibbli għar-regolamentazzjoni jew għat-titjib tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali fl-armi konvenzjonali (inkluż is-SALW) u għandu l-għan li jipprevjeni u jeqred il-kummerċ illeċitu tal-armi konvenzjonali u li jipprevjeni d-devjazzjoni tagħhom.

Azzjoni: L-UE ser tkompli tappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-TKA.

²⁵ <https://www.un.org/disarmament/att/>

2.1.3 Il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar

Il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar²⁶ għandu l-għan li jiffaċilita u jsaħħaħ il-kooperazzjoni sabiex il-manifattura illeċita u t-traffikar tal-armi tan-nar jiġu pprevenuti, miġġielda u meqruda. Il-Kummissjoni nnegożjat u ffirmit il-protokoll f'isem l-UE fl-2002. Wara li adottat regoli aktar b'saħħithom dwar it-trasferimenti ta' armi tan-nar ċivili kemm fl-Unjoni kif ukoll f'postijiet oħra, l-UE setgħet tirratifikah fl-2014²⁷.

Azzjoni: L-UE ser tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-protokoll tan-NU dwar l-armi tan-nar u l-mekkaniżmu ta' valutazzjoni tiegħu, u ssaħħaħ il-kapaċità ta' pajjiżi msieħba u tas-subreġjuni biex jimplimentaw kontrolli effettivi tal-armi tan-nar skont il-protokoll. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tagħha tas-17 ta' April 2018 dwar passi immedjati biex titjieb is-sigurtà tal-miżuri ta' esportazzjoni, importazzjoni u tranżitu tal-armi tan-nar, tal-partijiet u l-komponenti essenzjali tagħhom u tal-munizzjon.²⁸

2.1.4 Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs)

Il-firxa illeċita u bla kontroll tas-SALW thedded li tistimula u ttawwal il-kunflitti armati u l-vjolenza armata, b'effetti avversi fuq il-governanza tajba, l-ordni pubbliku, l-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-ġustizzja u drittijiet ċivili oħra. Ir-rabtiet bejn il-vjolenza armata, il-kunflitt, u l-iżvilupp fqir huma stabbiliti sew. Bil-mira 16.4 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs)²⁹ l-Istati hađu l-impenn li sal-2030 inaqqsu b'mod sinifikanti l-flussi illeċiti ta' finanzi u armi, isaħħu l-irkupru u r-ritorn ta' assi misruqa u jiġġieldu kull forma ta' kriminalità organizzata. Għalhekk, l-Istrateġija għandha timmira li ttaffi u tipprevjeni l-effetti negattivi fuq l-iżvilupp sostenibbli mill-kummerċ illeċitu f'SALW u l-munizzjon tagħhom.

²⁶ Protokoll kontra l-iffabbrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (UNTOC);

<http://www.unodc.org/unodc/en/firearms-protocol/the-firearms-protocol.html>

²⁷ ĠU L 89, 25.3.2014, p. 7.

²⁸ COM(2018) 2197 final.

²⁹ <https://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals/>

Azzjoni: L-UE ser tikkontribwixxi għall-isforz biex jintlaħqu l-SDGs tan-NU, inkluż l-SDG 16.4 (tnaqis sinifikanti fi flussi ta' armi illeċiti sal-2030), billi tgħin lill-istati u r-reġjuni jifformulaw u jimplimentaw indikaturi nazzjonali u reġjonali.

2.1.5 Normi aktar b'saħħithom tal-UE

Il-Kunsill ser iqis deċiżjonijiet ġodda sabiex isaħħaħ il-qafas normattiv tal-UE bil-ħsieb li jkun hemm rintraċċabbiltà aħjar tas-SALW, dokumentazzjoni aħjar dwar l-użu finali fil-kontroll tal-esportazzjoni tas-SALW u skambju aħjar ta' informazzjoni dwar id-devjazzjoni. L-UE ser tkompli wkoll tipproponi klawsola standard dwar il-kontroll tas-SALW fil-ftehimiet ta' sħubija u kummerċ tagħha ma' pajjiżi oħra. Il-klawsola ser tiġi aġġornata skont l-Istrateġija l-għdida.

Azzjoni: L-UE ser tkompli tintroduċi klawsola standard dwar il-kontroll tas-SALW fi ftehimiet ta' sħubija u ta' kummerċ ma' pajjiżi oħra.

Il-passi li jmiss:

- Il-Kunsill ser iqis Deċiżjoni dwar l-immarkar tas-SALW kollha biex itejjeb ir-rintraċċabbiltà;
- Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta Att Delegat dwar l-iskambju, b'mezzi elettroniċi, tal-informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-trasferiment ta' armi tan-nar ċivili lil Stat Membru ieħor, u li tistabbilixxi sistema elektronika li permezz tagħha l-Istati Membri jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni kif meħtieġ skont id-Direttiva 91/477/KEE³⁰.

³⁰ L-Artikolu 13.5 tad-Direttiva 91/477 jirrikjedi l-adozzjoni ta' dan l-att ta' implimentazzjoni sal-14 ta' Settembru 2018.

2.2 IMPLIMENTAZZJONI TA' NORMI FIL-FAŻIJET DIFFERENTI TAĊ-ĊIKLU TAL- ĦAJJA TA' ARMI TAN-NAR/SALW

2.2.1 Kontroll fuq il-manifattura ta' armi tan-nar u SALW

Fl-UE, il-manifattura ta' armi tan-nar u SALW, tal-partijiet, tal-aċċessorji u tal-munizzjon tagħhom hija ferm irregolata u r-regoli li jirregolaw il-ħażna ta' SALW u tal-munizzjon tagħhom huma maħsuba biex jimminimizzaw ir-riskji ta' devjazzjoni.

L-iżviluppi fid-disinn tal-armi tan-nar u tas-SALW bħaż-żieda fl-użu ta' strutturi tal-polimeru u d-disinn modulari jheddu li jdgħajfu l-effikaċja tal-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar (ITI) li huwa l-istandard globali għall-immarkar tas-SALW. Jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġi aġġornat l-ITI fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi.

L-UE tħeġġeġ u tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp dwar it-teknoloġija u l-karatteristiċi ta' disinn li għandhom l-għan li jtaffu r-riskju tad-devjazzjoni, it-traffikar u l-użu mhux awtorizzat tal-armi tan-nar u tas-SALW u tal-munizzjon. Hija tippromwovi l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għal ġestjoni tal-ħażna, kontroll tal-użu, immarkar, itteggjar, żamma ta' rekords u rintraċċar aktar effettivi tas-SALW.

Azzjonijiet:

- L-UE ser tkompli tindirizza l-manifattura illeċita ta' armi tan-nar u munizzjon. Il-metodi tal-manifattura illeċita qegħdin dejjem jevolvu u jistgħu jiġu ffaċilitati permezz tal-użu ta' partijiet stampati fi 3D. Dawn jinkludu l-attivazzjoni mill-ġdid illeċita ta' armi tan-nar diżattivati, produzzjoni artiġjanali u l-konverżjoni illeċita ta' pistoli li jintużaw għall-allarm jew biex jagħtu sinjal ddisinjati għall-munizzjon inbjank jew pistoli flobert, il-konverżjoni illeċita ta' munizzjon u l-użu illeċitu ta' għodod ta' kkargar mill-ġdid. Il-Kummissjoni ser tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Att ta' Implimentazzjoni futur tagħha li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi ta' sinjal t'allarm għall-applikazzjoni tad-Direttiva 91/477/KEE dwar il-kontroll u l-akkwist u l-pussess ta' armi³¹; u
- Peress li l-immarkar u ż-żamma ta' rekords bir-reqqa huma essenzjali għar-rintraċċar b'suċċess, l-UE ser tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrument Internazzjonali ta' Traċċar (ITI).

Il-passi li jmiss:

- Fil-livell globali, biex tiġi ppreservata u tiżdied l-effikaċja tal-ITI, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu azzjoni billi jipproponu li jiġi kkunsidrat anness għall-ITI fid-dawl tal-iżviluppi fid-disinn tas-SALW, bħall-arkitettura modulari u l-istrutturi tal-polimeru; u
- L-UE ser tuża l-istrumenti rilevanti biex tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-teknoloġija affidabbli u kosteffikaċi biex is-SALW u l-munizzjon tagħhom jinżammu taħt sigurtà u jittaffa r-riskju ta' devjazzjoni.

³¹ Att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat sal-14 ta' Settembru 2018 skont l-Art.10 a tad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi kif emendat bid-Direttiva (UE) 2017/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 22)

2.2.2 Kontrolli fuq l-esportazzjoni ta' armi tan-nar u l-munizzjon tagħhom

L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi. Filwaqt li tibni fuq l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, l-UE tiġġieled id-devjazzjoni billi tappoġġa l-kapaċitajiet għall-identifikazzjoni ta' punti ta' devjazzjoni permezz ta' rintraċċar, tuża aħjar is-sistemi ta' skambju tal-informazzjoni u xxejjen ir-riskju ta' aktar devjazzjoni billi twaqqaf il-provvista lil devjaturi identifikati fil-qafas tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi.

L-intermedjazzjoni mhux irregolata tibqa' sors ta' devjazzjoni ta' SALW. In-natura transnazzjonali tal-attivitajiet ta' intermedjazzjoni teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali.

Azzjonijiet:

- L-UE ser tkompli tippromwovi l-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi responsabbli u effikaċi fil-viċinat tal-UE, skont il-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK għal armi ta' grad militari u r-Regolament (UE) Nru 258/2012 għal armi tan-nar ċivili; u
- Ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri ser jiżguraw l-implimentazzjoni tajba u sħiħa tal-Pożizzjoni Komuni 2003/468/PESK dwar l-intermedjazzjoni tal-armi.

Il-passi li jmiss:

- Il-Kummissjoni tibqa' tissorvelja s-sistema tal-UE u l-ħtieġa għal titjib possibbli għall-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni u miżuri ta' importazzjoni u tranżitu għall-armi tan-nar ċivili, il-partijiet, il-komponenti u l-munizzjon tagħhom, kif indikat fir-rapport adottat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2017³²;
- Il-Kunsill huwa mistieden jikkunsidra deċizzjoni dwar ċertifikati ta' utenti aħħarin għal esportazzjonijiet ta' SALW, b'kont meħud tal-ħidma tal-OSKE f'dan ir-rigward;

³² COM(2017) 737 final ta' 12.12.2017.

- Bi ftehim mal-Istati Membri, is-SEAE ser iżid il-kapaċità tas-sistema online COARM³³ għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għal finijiet ta' valutazzjoni tar-riskju tad-devjazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tal-liċenzjar għall-esportazzjoni, b'kont meħud tal-livell ta' sigurtà tas-sistema u tal-informazzjoni;
- Fil-valutazzjoni tar-riskju qabel ma tingħata liċenzja għall-esportazzjoni ta' SALW u munizzjon, l-Istati Membri ser iqisu r-rekord ta' devjazzjoni tar-riċevituri u l-intermedjarji intenzjonati; u
- L-Istati Membri ser iqisu l-użu tas-sistema Ewropea ta' informazzjoni ta' rekords kriminali (ECRIS) u s-sistema futura ECRIS-TCN (ċittadini ta' pajjiżi terzi) biex jiżguraw li informazzjoni ta' rekords kriminali dwar entitajiet/persuni kkundannati għal traffikar ta' armi tkun disponibbli għall-awtoritajiet ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi għall-użu fil-valutazzjoni tar-riskju tagħhom tal-applikazzjoni għal liċenzja għal teknoloġija u tagħmir militari.

2.2.3 Ġestjoni sigura tal-ħażna tas-SALW u l-munizzjon

Il-ġestjoni sigura ta' ħażniet nazzjonali ta' armi ta' kalibru żgħir u l-munizzjon hija strumentali fit-trażżin tal-proliferazzjoni illeċita. Sigurtà batuta tal-ħażna hija fattur ewlieni li jippermetti d-devjazzjoni ta' armi u munizzjon minn swieq leċiti għal swieq illeċiti. Is-sigurtà tal-ħażna hija speċjalment prekarja fi stati affettwati minn kunflitt vjolenti jew governanza dgħajfa.

³³ Pjattaforma online għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Kontroll tal-Esportazzjoni tal-Istati Membri stabbilita skont il-Kunsill tal-Grupp ta' Ħidma COARM dwar l-Esportazzjoni tal-Armi. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali jieħu ħsieb il-ħidma dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni għal armi konvenzjonali. Dan jaħdem ukoll bħala forum, fejn l-istati membri jikkomunikaw u jaqsmu l-informazzjoni dwar il-politiki tal-esportazzjoni tagħhom għal pajjiżi terzi, u dwar çahdiet nazzjonali ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal pajjiżi terzi.

Azzjonijiet:

- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jgħinu lil pajjiżi oħra jtejbu l-ġestjoni u s-sigurtà tal-ħażniet tal-istat billi jsaħħu l-oqfsa leġislattivi u amministrattivi nazzjonali u l-istituzzjonijiet li jirregolaw il-provvista leġittima u l-ġestjoni tal-ħażna ta' SALW u munizzjon għall-forzi tad-difiża u tas-sigurtà, b'attenzjoni partikolari għall-immarkar u ż-żamma ta' rekords; u
- L-UE ser tippromwovi u timplimenta standards u prattiki tajbin għall-ġestjoni ta' armi ta' kalibru żgħir (standards internazzjonali tal-kontroll tal-armi żgħar - ISACSs) u munizzjon (linji gwida tekniċi internazzjonali dwar il-munizzjon - IATGs).

2.2.4 Rimi responsabbli ta' SALW u l-munizzjon tagħhom

Ammonti żejda ta' SALW u munizzjon jirriżultaw meta l-ħażniet jaqbżu l-ħtiġijiet immedjati u dawk imbassra. Barra minn hekk, l-armi illeċiti li jkunu sekwestrati jew jinġabru fil-kuntest ta' kampanji tal-ġbir jew diżarm volontarji, kampanji ta' demobilizzazzjoni u integrazzjoni mill-ġdid ħafna drabi jispiċċaw f'ħażniet. L-uniku mod kif jista' jiġi eliminat ir-riskju li dawn l-ammonti żejda jiġu ddevjati huwa li jintremew b'mod responsabbli, preferibbilment billi jinquerdu, peress li d-diżattivazzjoni tista' tkun reversibbli jekk ma titwettaqx skont standards xierqa. Qabel jinquerdu armi tan-nar sekwestrati u miġbura, l-immarkar tagħhom għandu jiġi rreġistrat sabiex ikun jista' jsir rintraċċar jew investigazzjonijiet oħra rigward l-orijini tagħhom. Il-Kummissjoni adottat linji gwida komuni dwar standards u tekniċi ta' diżattivazzjoni³⁴ li jistgħu jservu b'mod utli bħala mudell globali għad-diżattivazzjoni sigura u irriversibbli tal-armi tan-nar.

³⁴ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/337 tal-5 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2403 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibilment (ĠU L 065, 08 ta' Marzu 2018, p. 1).

Azzjonijiet:

- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu u jassistu r-rimi responsabbli ta' ammonti żejda ta' SALW u munizzjon maħtufa jew akkwistati b'mod ieħor, preferibbilment billi jeqirduhom; u
- Biex jiġi żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu irriversibbilment inoperabbli, il-Kummissjoni, flimkien mar-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri, ser tippromwovi l-istandards tal-UE għad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar f'pajjiżi oħra, inkluż permezz tal-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi.

2.2.5 Kwistjonijiet trasversali

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jtejbu l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet u l-inizjattivi tagħhom fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar, sabiex jisfruttaw sinerġiji, isaħħu l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-data rilevanti u sistemi ta' informazzjoni oħra, u jipprevjenu d-duplikazzjoni tal-isforzi.

Kondiviżjoni ta' informazzjoni, riċerka, ġbir ta' data u analiżi dwar id-diversi aspetti tat-traffikar tal-armi tan-nar u r-reati bl-armi tan-nar mtejbja huma essenzjali biex tiġi f'furmata stampa tajba tal-intelligence u biex nibqgħu aġġornati mal-ħtiġijiet tas-sigurtà li qed jevolvu. Hemm bżonn li jitjieb l-użu ta' għodod eżistenti u jiġu vvalutati sinerġiji possibbli u l-interoperabbiltà bejn bażijiet tad-data eżistenti tal-UE u tal-infurzar tal-liġi internazzjonali sabiex jiġi mmonitorjat it-traffikar ta' SALW, fost l-oħrajn billi tinġabar, tiġi analizzata u kondiviża informazzjoni rilevanti. Il-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA - European Border and Coast Guard Agency) jista' jkollha rwol f'dan il-qasam u għandu jiġi mħeġġeġ ukoll aktar użu tas-sistema iARMS.

Azzjonijiet:

- L-UE ser tkompli tinkoraġġixxi l-użu ulterjuri tas-sistema ta' ġestjoni tar-reġstrar u r-rintraċċar ta' armi illeċiti tal-Interpol (iARMS)³⁵;

³⁵ <https://www.interpol.int/Crime-areas/Firearms-trafficking/INTERPOL-Illicit-Arms-Records-and-tracing-Management-System-iARMS>

- Il-Kummissjoni ser tfittex kooperazzjoni mal-Europol, mal-INTERPOL u mal-Istati Membri biex issaħħaħ is-sinerġiji u l-interazzjonijiet bejn is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)³⁶ u iARMS biex issegwi azzjoni prevista mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar u l-użu illeċitu tal-armi tan-nar u l-isplussivi³⁷;
- Il-Kummissjoni ser tkompli tappoġġa u tippromwovi riċerka u azzjonijiet kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u l-kriminalità relatata permezz tal-istrumenti ta' finanzjament disponibbli³⁸.

2.3 KONFORMITÀ PERMEZZ TA' MONITORAĠĠ U INFURZAR

L-UE qiegħda f'pożizzjoni unika biex tgħin tisfratta swieq kriminali permezz tal-ħidma legiſlattiva u operazzjonali tagħha, inkluż il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-awtoritajiet doganali u l-flussi ta' finanzjament, u permezz ta' kooperazzjoni u ingaġġ ma' pajjiżi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi³⁹. Il-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA) jistgħu jkollhom rwol f'dan il-qasam.

³⁶ Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016) 205 final, 6.4.2016).

³⁷ Pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar u l-użu illeċitu tal-armi tan-nar u l-isplussivi, 2 ta' Diċembru 2015, COM(2015), 624 final

³⁸ https://ec.europa.eu/home-affairs/financing/fundings/security-and-safeguarding-liberties/internal-security-fund-police_en

³⁹ Għall-fini ta' din l-Istrateġija, it-terminu "infurzar tal-liġi" jirreferi għall-attività tal-pulizija, tal-gwardjani tal-fruntieri u tal-kosta, u tal-awtoritajiet doganali.

Il-kooperazzjoni operazzjonali hija waħda mill-pilastri tal-azzjoni tal-UE taħt l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà. L-ċiklu tal-politika pluriennali tal-Europol għal kriminalità organizzata u internazzjonali serja jinkludi, miċ-ċiklu tal-2014-2017, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar fost l-oqsma tal-kriminalità ta' prijorità li fihom trid tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi⁴⁰. L-ċiklu tal-politika l-ġdid 2018-2021 għal kriminalità organizzata u internazzjonali serja żamm din il-prijorità⁴¹. Fl-2017, il-proġett tal-analiżi tal-armi u l-isplussivi tal-Europol irċieva sostanzjalment aktar kontribuzzjonijiet milli fl-2016, biex b'hekk appoġġa b'mod proattiv azzjoni investigattiva.

L-intelligence dwar it-traffikar tal-armi tan-nar/SALW hija wkoll kondiviża permezz ta' rapporti miċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN tal-UE).

Azzjonijiet:

- Iċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN tal-UE) huwa mitlub, fejn neċessarju, flimkien mal-Kummissjoni, il-Europol u l-EBCGA, li jħejji rapporti dwar it-traffikar ta' SALW u munizzjon;
- L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għandha tkompli torganizza taħriġ għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi dwar it-traffikar tal-armi tan-nar/SALW;

⁴⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (dok. 15358/10 COSI 69 ENFOPOL 298 CRIMORG 185 ENFOCUSTOM 94, 25.10.2010).

⁴¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (2014-2017) (dok.12095/13, 26.7.2013).

- L-UE ser ittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, thegħegħ lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet doganali, biex jistabbilixxu punti ċentrali nazzjonali dwar l-armi tan-nar, tipproduċi analiżi aħjar tal-informazzjoni kollha disponibbli fil-qasam tal-armi tan-nar illeċiti u tiżgura parteċipazzjoni sħiħa fl-iskambju tal-informazzjoni mal-Europol fil-qasam tat-traffikar tal-armi tan-nar; u
- L-Istati Membri kollha ser jiżguraw kooperazzjoni fil-qafas taċ-ċiklu tal-politika tal-UE għall-kriminalità organizzata u internazzjonali serja. Dan għandu japplika wkoll għal tali informazzjoni miġbura u trasmessa lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-kuntest ta' operazzjonijiet ikkoordinati mill-Aġenzija.

2.4 KOOPERAZZJONI U ASSISTENZA INTERNAZZJONALI

2.4.1 Fuq livell internazzjonali

L-UE tappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera effettiva bejn aġenziji ġudizzjarji u dawk tal-infurzar tal-liġi sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet fl-iskambju tal-informazzjoni mal-Europol fil-qasam tat-traffikar tal-armi tan-nar. Hija għandha l-għan li tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi, tiżgura l-koordinazzjoni ma' inizjattivi bilaterali, reġjonali u multilaterali oħra, u ttejjeb il-kooperazzjoni f'investigazzjonijiet ta' kriminalità transfruntiera. L-UE hija d-donatur ewlieni għall-kooperazzjoni u l-assistenza fil-kontroll ta' SALW lil pajjiżi u organizzazzjonijiet reġjonali oħra permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u l-appoġġ iddedikat tagħha permezz tal-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP)⁴² u strumenti oħra. L-UE tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU kontra SALW illeċiti, it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi u l-Protokoll tal-Armi tan-Nar. Għalkemm vjolenza sessita bl-armi tan-nar u s-SALW fi kwalunkwe każ tikkostitwixxi ksur tal-liġi tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali, it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi jinkludi dispożizzjonijiet espliċiti biex jindirizzaw ir-riskji li armi tan-nar jintużaw f'dak il-kuntest. Ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU⁴³ jappellaw speċifikament għall-għoti tas-setgħa lin-nisa fi sforzi biex jipprevjenu, jiġġieldu kontra u jeqirdu t-trasferiment illeċitu, l-akkumulazzjoni distabbilizzanti u l-użu ħażin ta' SALW.

Azzjonijiet:

- L-UE ser tiegħu schem b'mod proattiv fil-programm globali tal-armi tan-nar tal-Uffiċċju tan-NU kontra d-Drogi u l-Kriminalità (UNODC) dwar ġbir u analiżi ta' data fuq livell globali dwar it-traffikar tal-armi tan-nar, u ser issaħħaħ il-kapaċità ta' pajjiżi msieħba u subreġjuni biex jimplimentaw kontroll effettiv tal-armi tan-nar skont il-protokoll tal-armi tan-nar;

⁴² Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014

⁴³ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1325 (2000) u riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, eż. UNSCR 2242 (2015).

- L-UE ser tkompli tappoġġa s-Sistema ta' Ġestjoni tar-Reġistrar u r-Rintraċċar ta' Armi Illeċiti tal-Interpol (iARMS);
- L-UE ser trawwem il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, b'mod partikolari fost pajjiżi li jinsabu tul rotot maġġuri ta' traffikar lejn/mill-UE;
- L-UE ser tikkoopera mal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) biex timplimenta l-Istrateġija tas-SALW tagħha;
- Ir-Rappreżentant Għoli ser tevalwa u tanalizza l-impatt u l-effettività ta' proġetti ta' kontroll tas-SALW appoġġati mill-UE f'pajjiżi li mhumiex fl-UE bejn l-2005 u l-2017 bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-SALW tal-2005;
- L-UE ser tintegra b'mod sistematiku konsiderazzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tfassil ta' proġetti ġodda li jirrelataw mal-ġlieda kontra l-vjolenza b'pistoli u l-kontroll tas-SALW b'mod ġenerali, u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin f'dan ir-rigward;
- L-UE ser tippromwovi l-implimentazzjoni ta' standards u prattiki tajbin għall-ġestjoni ta' armi ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom, inkluż l-istandards internazzjonali tal-kontroll tal-armi żgħar (ISACs) u l-linji gwida tekniċi internazzjonali dwar il-munizzjon(IATGs); u
- L-Istati Membri ser itejbu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA) dwar traffikar illeċitu ta' armi tan-nar u l-użu ta' armi tan-nar f'pajjiżi li mhumiex fl-UE, u ser irawmu aktar involviment min-naħa tal-awtoritajiet fil-kooperazzjoni operazzjonali, fl-iskambju tal-informazzjoni u fl-azzjonijiet konġunti ta' infurzar tal-liġi.

L-UE diġà tappoġġa l-monitoraġġ ta' flussi ta' SALW illeċiti f'żoni affettwati mill-kunflitti, sabiex jiġu identifikati l-aktar modi effettivi biex tinqata' l-provvista. Data miksuba permezz tal-identifikazzjoni u r-rintraċċar ta' SALW illeċiti u munizzjon tgħin ittejjeb il-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, fost oħrajn permezz ta' valutazzjoni tar-riskju mtejba, ċertifikazzjoni tal-utent aħħari u monitoraġġ tal-użu aħħari.

Azzjonijiet:

- Il-Kunsill ser jesplora modalitajiet għat-titjib tal-monitoraġġ u l-infurzar ta' embargi tal-UE fuq l-armi;
- L-UE ser tappoġġa l-ħidma tal-bordijiet tan-NU li jimmonitorjaw l-embargi tal-armi, u ser tikkunsidra modi kif ittejjeb l-aċċess għas-sejbiet tagħhom dwar id-devjazzjoni u l-armi tan-nar u s-SALW illeċiti għal finijiet ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi;
- Fejn rilevanti u fejn jaqa' taħt il-mandat tagħhom u filwaqt li jitqiesu l-parteċipazzjoni lokali u r-riżorsi disponibbli, il-Kunsill ser jagħti lill-missjonijiet u lill-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) rwol fl-appoġġ tas-sensibilizzazzjoni dwar is-SALW u fl-organizzazzjoni ta' taħriġ relatat mal-kontroll tas-SALW, fl-appoġġ għall-ġestjoni kif suppost tal-ħażniet, fil-monitoraġġ tal-movimenti tas-SALW illeċiti u munizzjon (inkluż traffikar transfruntier), kif xieraq. Fejn applikabbli u fuq direzzjoni mill-Istati Membri, missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK jistgħu jappoġġaw ukoll il-faċilitazzjoni tar-reġistrazzjoni, rintraċċar u rimi ta' SALW illeċiti maħtufa. Il-Kunsill ser juża t-tagħlimiet meħuda minn dawk l-impenji tal-PSDK fejn il-mandati jinkludu kompiti SALW (eż. EUFOR Althea fil-Bożnija-Herzegovina);

- L-UE ser tkompli tiffinanzja sforzi ta' riċerka li għandhom fil-mira tagħhom l-oriġini ta' SALW illeċiti f'żoni ta' kunflitt, bħall-proġett iTrace ta' Conflict Armament Research⁴⁴. Hija ser thegħeġ aktar riċerka, analiżi u studji dwar il-kwistjoni, billi tiddependi fuq kapaċitajiet eżistenti bħall-Konsorzju għan-Nonproliferazzjoni u d-Diżarmament tal-UE; u
- L-UE ser tappoġġa kapaċitajiet nazzjonali f'żoni affettwati mill-kunflitti għat-traċċar u r-rintraċċar tal-oriġini ta' SALW illeċiti u munizzjon f'żoni ta' kunflitt, filwaqt li tibni wkoll fuq l-esperjenza tal-proġett iTrace.

2.4.2 Fuq livell reġjonali

Fuq livell reġjonali, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jassistu fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jiġu identifikati, sfrattati u mfixkla networks tat-traffikar u armi tan-nar jiġu pprevenuti milli jilħqu terroristi u kriminali permezz tas-suq illeċitu, fost l-oħrajn billi jiġu imblukkati l-finanzjament u t-trasport illeċiti ta' armi u billi jissaħħaħ r-rwol tal-pulizija tal-fruntieri u tal-awtoritajiet doganali u tal-portijiet fl-indirizzar ta' flussi ta' armi illeċiti permezz ta' trasport marittimu. Minħabba n-natura transfruntiera tat-traffikar tal-armi, huwa partikolarment importanti li jiġu involuti pajjiżi qraba, anki jekk mhumie x affettwati b'mod dirett.

L-UE ser thegħeġ rabtiet bejn atturi tal-infurzar tal-liġi li jindirizzaw it-traffikar tal-armi u awtoritajiet responsabbli għall-kontroll tal-kummerċ u l-esportazzjoni tal-armi, sabiex jiġi żgurat li tiġi kondiviża informazzjoni dwar ir-rotot maġġuri ta' flussi illeċiti għal ġol-Ewropa, sabiex tistimula azzjoni preventiva jew rimedjali. L-azzjoni ser tinkludi t-trawwim tal-iskambju tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni diretta bejn korpi investigattivi, investigazzjonijiet ippjanati b'mod konġunt u implimentazzjoni rapida ta' talbiet għal kooperazzjoni, kollha fi ħdan il-qafas legali stabbilit. Ser ikun hemm attenzjoni partikolari fuq kooperazzjoni transfruntiera mal-viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant.

⁴⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2283 tal-11 ta' Diċembru 2017 b'appoġġ għal mekkaniżmu globali ta' rappurtar dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjon illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom ("iTrace III").

Il-Europol ser jagħti attenzjoni speċjali lill-appoġġ għal sforzi mill-pulizija u mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, u l-korpi tal-Unjoni, il-pajjiżi li mhumiex fl-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-forom tal-kriminalità fi ħdan il-mandat tiegħu assoċjati mal-attivitajiet illeċiti ta' organizzazzjonijiet u individwi kriminali involuti fil-pussess illegali u fit-traffikar ta' SALW, inkluż il-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti.

L-UE ser issaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet reġjonali li jaħdmu fuq kontroll tas-SALW, billi tallinja l-attivitajiet tagħha ma' strateġiji reġjonali u pjanijiet ta' azzjoni.

Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija

F'konformità mal-għanijiet strateġiċi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Perspettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar mal-Balkani tal-Punent' (Inizjattiva Ewlenija 2 dwar sigurtà u migrazzjoni)⁴⁵, l-UE ser tkompli tappoġġa ċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) tal-UNDP. L-UE ser iżżomm ukoll kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti fil-qasam tal-kontroll tas-SALW u ser tieħu kont tal-inizjattivi reġjonali bħall-Pjan Direzzjonali⁴⁶ li jindirizza s-SALW illeċiti fil-Balkani tal-Punent. B'mod aktar wiesa', hija ser tkompli tinvesti fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti reġjonali permezz ta' firxa wiesgħa ta' strumenti u politiki. Din l-Istrateġija tiffoka fuq kontroll tal-armi konvenzjonali, li huwa komponent essenzjali ta' politiki aktar wiesgħa ta' prevenzjoni u ta' kontra t-terroriżmu.

⁴⁵ COM(2018) 65 final tas-6.2.2018 u l-anness

⁴⁶ Fl-10 ta' Lulju 2018, is-Summit tal-Balkani tal-Punent f'Londra adotta l-"Pjan Direzzjonali Reġjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' SALW/armi tan-nar u l-munizzjon tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024" .

Minkejja li fi snin reċenti sar progress sinifikanti, speċjalment fl-Ewropa tax-Xlokk, l-iskala tal-akkumulazzjoni ta' SALW u munizzjon, il-kundizzjonijiet ta' ħażna inadegwati, il-pussess illeċitu mifruż u n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni jkomplu jillimitaw l-effettività ta' sforzi ta' kontroll ta' armi tan-nar/SALW f'partijiet tal-Balkani tal-Punent. Sabiex jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv il-provvista ta' armi tan-nar illeċiti u l-ħażna kbira ta' armi, ser tingħata prijorità lill-qerda ta' ammonti żejda, id-dokumentazzjoni u r-rintraċċar ta' SALW illeċiti, l-iskambju tal-informazzjoni permezz tal-użu ta' kanali ta' skambju tal-informazzjoni Ewropej, reġjonali u globali (eż. Europol, Interpol), u l-istabbiliment u t-twettiq ta' operazzjonijiet konġunti.

Azzjonijiet:

- L-UE ser tappoġġa sforzi għat-tnaqqis ta' ħażniet żejda ta' SALW u munizzjon, għat-tnaqqis tal-pussess illeċitu, għall-ġlieda kontra d-devjazzjoni u t-traffikar tal-armi, għat-titjib tal-kontrolli fil-fruntieri, għat-tisħiħ tal-immarkar, iż-żamma ta' rekords u r-rintraċċar ta' SALW kif ukoll kapaċitajiet ta' rimi, għaż-żieda tas-sensibilizzazzjoni, u għall-appoġġ ta' kapaċitajiet ta' infurzar tal-liġi, waqt li tqis l-appoġġ tal-UE li ilu fis-seħħ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) tal-UNDP, u żżomm l-appoġġ għal sistemi ta' kontroll nazzjonali u tqis inizzjattivi reġjonali rilevanti għall-ġlieda kontra s-SALW illeċiti u l-munizzjon tagħhom bħall-inizzjattiva tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' SALW/armi tan-nar u l-munizzjon tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024⁴⁷; inizzjattiva li kienet appoġġata minn Franza u l-Ġermanja;
- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżguraw li jkun hemm kooperazzjoni koerenti bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent billi jimplementaw inizzjattivi biex jiġġieldu kontra t-traffikar tal-armi tan-nar, kif stabbiliti fiċ-Ċiklu tal-Politika tal-2018-2021 għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja, inkluż appoġġ operazzjonali speċifiku permezz ta' Armi tan-Nar tal-EMPACT⁴⁸ u l-pjan ta' azzjoni UE-Balkani tal-Punent taħt governanza integrattiva tas-sigurtà interna (IISG) fil-Balkani tal-Punent;

⁴⁷ Ara n-nota 40 f'qiegħ il-paġna.

⁴⁸ EMPACT – Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali.

- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jikkoordinaw l-isforzi tal-UE flimkien ma' inizjattivi bilaterali, reġjonali jew multilaterali oħra sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' trikkib u tittejjeb l-effiċjenza tal-kooperazzjoni f'investigazzjonijiet ta' reati transfruntieri, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2016⁴⁹; u
- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu użu sħiħ minn u jgħolqu sinerġiji bejn l-uffiċjali ta' kollegament tal-Europol li ser jiġu skjerati fil-Balkani tal-Punent, is-SEESAC⁵⁰ u l-programmazzjoni reġjonali taħt l-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) dwar il-"għlieda kontra kriminalità serja fil-Balkani tal-Punent"⁵¹ u l-"kejl u l-valutazzjoni tal-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent: nappoġġaw it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza"⁵².

Il-passi li jmiss:

- Il-Pjan ta' Azzjoni 2015-2019 dwar it-traffikar illeċitu fl-armi tan-nar ser jiġi evalwat biex tiġi vvalutata l-effettività tiegħu fl-indirizzar tal-provvista ta' armi tan-nar illeċiti u l-ħażna l-kbira tal-armi; u

Iċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE dwar il-kriminalità organizzata ser jitkabbar sa fejn hu possibbli biex jinkludi l-Balkani tal-Punent fl-attivitajiet operazzjonali tiegħu. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ser jiġu mistiedna jieħdu sehem fi proġetti speċifiċi tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali u fl-aqgħat tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operazzjonali dwar is-Sigurtà Interna, inkluż dawk li jsiru b'mod konġunt mal-Kumitat Politiku ta' Sigurtà fuq bażi ad hoc meta jiġu diskussi l-proġetti.

⁴⁹ Il-konklużjonijiet irreferew għall-"bżonn għal kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali effettiva u intensa, inkluż mal-Europol u l-Eurojust, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-istatus".

⁵⁰ Programm iffinanzjat mill-PESK, 2017-2019, EUR 6 508 136.

⁵¹ IPA 2017-2019, EUR 13-il miljun: Aġenzija Ġermaniża għall-Kooperazzjoni Internazzjonali (GIZ).

⁵² IPA 2015-2019, EUR 2 miljuni: UNODC.

Viċinat tal-Lvant

L-instabbiltà attwali fl-Ewropa tal-Lvant żiedet il-livell ta' traffikar illeċitu ta' armi tan-nar f'diversi pajjiżi fir-reġjun, bħall-Ukrajna. Dan jippreżenta theddida sinifikanti għas-sigurtà fuq perijodu twil kemm għall-Ukrajna kif ukoll għall-UE. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna fuq din il-kwistjoni għalhekk hija ta' interess reċiproku. L-UE qiegħda ssegwi l-ingaġġ bilaterali tagħha mal-Ukrajna u pajjiżi oħra fir-reġjun u b'mod sistematiku tintegra l-ġlieda kontra SALW illeċiti fi kwalunkwe djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ma' pajjiżi msieħba fil-viċinat.

Azzjonijiet:

- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintegraw il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar/SALW fil-kuntest tad-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ma' pajjiżi msieħba fil-viċinat, bħall-Ukrajna;
- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni bejn esperti tal-UE u dawk Ukreni, jidentifikaw punt ta' kuntatt sabiex jiżguraw kooperazzjoni bla xkiel, iżidu s-sensibilizzazzjoni, jaqsmu l-aħjar prattiki u l-għarfien esperti, u jidentifikaw ħtiġijiet ta' taħriġ u miżuri ta' appoġġ oħra biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-Ukrajna fil-qasam; u
- L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jaħdmu fuq diskussjoni permanenti teknika madwar mejda mal-Ukrajna biex jindirizzaw il-problema urġenti tat-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar u r-riskji assoċjati mal-possibbiltà li tali armi jiġu f'idejn terroristi u gruppi ta' kriminalità organizzata.

Il-Viċinat tan-Nofsinhar

Il-kunflitti armati mtawla b'riperkussjonijiet reġjonali wiesgħa fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq (MENA) jkomplu jiġu stimulat mid-devjazzjoni u t-traffikar tas-SALW. Is-SALW illeċiti f'dan ir-reġjun għandhom ħafna sorsi, inkluż ħażniet b'sigurtà batuta u s-SALW li joriġinaw mill-produzzjoni leċita u l-esportazzjoni awtorizzata u sussegwentement jiġu ddevjati għal utenti aħħarin mhux awtorizzati, inkluż is-SALW minn Stati Membri tal-UE.

Iċ-ċiklu tal-politika tal-2018-2021 tal-UE għal kriminalità internazzjonali organizzata u serja jinkludi azzjonijiet operazzjonali speċifiċi f'dawk ir-reġjuni biex titjib il-kooperazzjoni dwar it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar. Kooperazzjoni bilaterali aktar profonda hija essenzjali sabiex tiġi miġġielda b'mod aktar effettiv id-dimensjoni transnazzjonali tat-traffikar illegali ta' armi tan-nar fir-reġjun kollu. Għalhekk għandha tiġi mhegħa l-koordinazzjoni UE-MENA f'dan il-qasam, b'kont meħud tal-hteġa li jiġu evitati sforzi doppji u jkunu żgurati l-koerenza u l-koordinazzjoni ma' inizjattivi eżistenti appoġġati jew iffinanzjati mill-UE.

Azzjonijiet fil-Lvant Nofsani u l-Afrika:

- L-UE ser tfittex li ssaħħa il-kooperazzjoni mal-Alġerija, permezz tad-djalogu dwar is-sigurtà, rigward il-kontroll tat-trasferimenti ta' armi tan-nar u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' armi ta' kalibru żgħir;
- L-UE ser tkompli tappoġġa lit-Tuneżija rigward riformi fis-settur tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri, prinċipalment permezz ta' programm ta' finanzjament speċifiku, li ser ikollu impatt dirett fuq il-kontroll tat-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar;

- L-UE ser tippromwovi l-implimentazzjoni tal-inizjattivi kollha li jkabbru l-kooperazzjoni mal-Marokk rigward il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' armi tan-nar u ta' oġġetti b'użu doppju kif previsti fil-pjan ta' azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-istatus avvanzat⁵³;
- L-UE ser tkompli ttipprovdi appoġġ lil-Libanu u lill-Ġordan biex jindirizzaw il-kriminalità organizzata (inkluż permezz ta' għajnuna għar-riforma tas-settur tas-sigurtà u appoġġ għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri), u biex jikkontrollaw it-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar;
- L-UE ser tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni UE-MENA fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar, inkluż permezz tal-inizjattiva Euromed Pulizija IV⁵⁴. Dan il-programm reġjonali għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali u strateġika tal-pulizija fir-reġjun MENA bejn awtoritajiet nazzjonali fil-Pajjiżi Msieħba fin-Nofsinhar, kif ukoll mal-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji rilevanti tal-UE bħal Frontex;
- L-UE ser tkompli tappoġġa l-monitoraġġ tad-devjazzjoni lejn atturi mhux awtorizzati fir-reġjun u valutazzjoni tar-riskju mmexxija mill-intelliġenza u miżuri kontra d-devjazzjoni, u f'dan ser tqis ir-riżultati pożittivi tal-proġett iTrace⁵⁵; u
- L-UE ser tkompli tappoġġa l-bini tal-kapaċità għall-forzi lokali tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà fir-rigward ta' sigurtà fiżika u ġestjoni tal-ħażniet (PSSM), qerda ta' ammonti żejda u d-dokumentazzjoni u r-rintraċċar ta' SALW illeċiti.
- L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Unjoni Afrikana u lill-komunitajiet ekonomiċi reġjonali rilevanti fl-isforzi tagħhom kontra l-kummerċ illeċitu ta' SALW.

⁵³ Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-istatus avvanzat (2013-2017)(/* JOIN/2013/06 final - 2013/0107 (NLE)).

⁵⁴ <https://www.euromed-police.eu/>

⁵⁵ <https://www.conflictarm.com/itrace>

Kontinent Amerikan

Azzjoni fil-Kontinent Amerikan: L-UE ser tfittex sinerġija mal-istati Amerikani u l-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti biex titnaqqas il-proliferazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW, bl-għan li titnaqqas il-vjolenza armata u l-attività kriminali⁵⁶.

3. KONKLUŻJONI U SEGWITU

Din l-Istrateġija tippreżenta triq 'il quddiem komuni għall-UE dwar kif għandha tiġi indirizzata t-theddida tal-armi tan-nar u s-SALW illeċiti u l-munizzjon tagħhom, sett ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-UE u mill-Istati Membri tagħha fi ħdan il-fruntieri tal-UE, u proposti għal kooperazzjoni u għajnuna għall-kontroll tas-SALW fil-viċinat tal-UE u fil-bqija tad-dinja.

Is-SEAE u l-Kummissjoni ser jipproduċu rapporti tal-progress annwali dwar l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija.

⁵⁶ Skont studju ta' UNODC li sar fl-2013, l-omiċidju intenzjonat ikkawża l-imwiet ta' kważi nofs miljun persuna (437 000) madwar id-dinja fl-2012. Aktar minn terz tagħhom (36 %) seħħew fil-kontinent Amerikan. Kważi nofs il-vittmi kollha ta' omiċidju għandhom bejn 15-29 sena u l-użu ta' armi tan-nar huwa partikolarment prevalenti fir-reġjun, fejn żewġ terzi (66 %) tal-omiċidji jitwettqu permezz tal-pistoli.